**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 1193/2006 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**
**vs**
**Pauline Gatt**

**Illum il-Hamis 9 ta' Frar, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Pauline Gatt ta' 40 sena mwielda 26 ta' Ottubru, 1965 Pieta' bint Spiridione Chircop u Giovanna nee Bugeja u residenti f'Sunny Flats no 7 Triq il-Preistorja Xemxija/39 Triq l-Isperanza Mosta, detentrici tal-karta tal-identita' numru ID 518865M.

Akkuzata talli f'dawn il-gzejjer, f'xi hin bejn il-15 ta' Settembru, 2006 u 6 ta' Ottubru, 2006 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika,

ghamlet qliegh ta' madwar Lm200 ghad-dannu ta' Stella Spiteri u Salvatore Spiteri u tal-Bank of Valletta u dan bi ksur tal-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istetss cirkustanzi, bi hsara ta' Stella Spiteri u Salvatore Spiteri u tal-Bank of Valletta ghamlet xi qliegh b'qerq. U dan bi ksur tal-artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi ffalsifikat f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi u dan bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan bi ksur tal-artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi meta sabet cash link card li Stella Spiteri u Salvatore Spiteri tilfu u ma gharfet b'dan fi zmient tlett ijiem lil Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 340(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputata fis-seduta datata 9 ta' Frar, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid, stqarrija rilaxxjata mill-imputata u current incident report.

Wara li sar l-ezami ta' l-imputata ai termini ta' l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha kif registrata fis-seduta tal-lum quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid, setghet terga' lura minnha u fil-fatt hija regghet tenniet l-istess ammissjoni taghha.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputata pprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghha, u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssibha hatja taghhom.

Il-Qorti ma kelliex quddiemha l-fedina penali ta' l-imputata ghaliex din qatt ma giet prezentata.

Illi din il-Qorti qeghda tqis ukoll li l-ammissjoni ta' l-imputata hija wahda bikrija u dan peress li din il-kawza ilha ghaddejja hafna snin u qatt ma sar xejn fiha u qatt ma ngabru provi,  tant li kien hemm perjodu ta' zmien li din il-kawza giet differita *sine die* minhabba li l-prosekuzzjoni ftit li xejn kienet qed turi interess fiha. Ghalhekk il-fatt li l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghha fl-ewwel opportunita' moghtija lilha minn din il-Qorti  tqis l-ammissjoni taghha bhala wahda bikrija.

Il-Qorti qieset ukoll li r-raba' akkuza hija assorbita fir-reat kontemplat fit-tielet akkuza.

Il-Qorti ghalhekk ma thossx li ghandha tigi inflitta piena ta' prigunerija effettiva fic-cirkostanzi.

**Decide:**

**Il-Qorti in vista tac-cirkostanzi kollha hawn fuq deskritti u wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 183, 184 u 340(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha u tikkundannaha ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin mil-lum.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien ma l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**